

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Total SA u Elf Aquitaine SA huma kkundannati għall-ispejjeż.

### **Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Ġunju 2011 — Psytech International vs UASI — Institute for Personality & Ability Testing (16PF)**

**(Kawża T-507/08)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja verbali 16PF — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru distintiv — Nuqqas ta’ karattru distintiv — Nuqqas ta’ sinjali li saru komuni — Nuqqas ta’ mala fide — Artikoli 7(1)(b) sa (d) u 51(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li saru l-Artikoli 7(1)(b) sa (d) u 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”

1. *Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet assoluti ta’ invalidità — Reġistrazzjoni li tmur kontra l-Artikolu 7(1)(b) sa (d) tar-Regolament Nru 40/94 (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikoli 7(1)(b) sa (d), u 51(1)(a)) (ara l-punti 32-35, 59-65, 78, 79)*
2. *Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet assoluti ta’ invalidità — Applikant in mala fide fil-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal trade mark (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 51(1)(b)) (ara l-punti 89-93)*

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Lulju 2008 (Każ R 1012/2007-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Psytech International Ltd u Institute for Personality & Ability Testing, Inc.

**Informazzjoni dwar il-kawża**

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:	It-trade mark verbali 16PF għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16, 35, 41 u 42 — Reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 1892652
Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:	Institute for Personality & Ability Testing, Inc.
Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:	Psytech International Ltd
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:	Talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Psytech International Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.